MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2004

Numru 496/2004

Il-Qorti;

Lill Bartolomeo Fenech ta’ 66 sena, bin il-mejtin Nazzareno u Maria Anna nee’ Azzopardi, imwieled Birkirkara nhar id-29 ta’ Lulju, 1937 u joqghod Nru 3, Sqaq Dun Perin Birkirkara, detenur tal-karta ta’ l-identita’ numru 551037(M).

Talli fit-19 ta’ Gunju, 2004 ghall-habta tal-5.00am u fi tlett xhur ta’ qabel din id-data, f’Birkirkara, F’Hal Balzan u f’dawn il-gzejjer ikkaguna hsara volontarja fuq vettura tal-marka Toyota li ghandha n-numru tar-registrazzjoni CBL 428 liema vettura hija propjeta ta’ Meli Car Rentals Ltd, fuq vettura ohra tal-marka Ford Sierra li ghandha n-numru tar-registrazzjoni USA 613 liema vettura hija propjeta ta’ Ms. Katie Muscat minn Birkirkara, fuq vettura ohra tal-marka Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni IAE 154 liema vettura hija propjeta ta’ Ms. Carmen De Giovanni, fuq vettura ohra tal-marka Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CBL 505 liema vettura hija propjeta ta’ Ms.

Marbic Micallef u fuq diversi vetturi ohra liema hsarat jammontaw ghal aktar minn hames mitt lira Maltin.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Gunju, 2004, sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati.

Rat l-artikoli 325 (a) Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa ta' l-imputat.

Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------